MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Numru. 71/2012

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Wael Mahmoud Dawah detentur tal-Karta tal-Identita` numru 31831A.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-22 ta` Jannar 2012, bejn nofs il-lejl u t-tlieta ta` filghodu:

1. Ikkommetta serq ta` Handbag, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, liema valur tal-oggett misruq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-deteriment ta` persuna mhux maghrufa;

2. U aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna/I inkaraigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;
3. U aktar talli fl-istess lik, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

6. U aktar talli fl-istess data ghal-habta tat-tlieta ta` filghodu, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta` San Giljan, hebb kontra PC593 Raphael Attard Flores u PC1468 Dirk Pace sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;

7. U aktar talli fl-istess data ghal habta tat-tlieta ta` filghodu gewwa San Giljan, kkommetta diversi reati waqt il-perjodu operattiv ta` probation jew matul il-perjodu ta` liberazzjoni kondizzjonata.

F'kaz ta` htija l-Qorti hija gentilment mitluba li tikkunsidra lil hati bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Wara li rat l-artikoli 261 (b) (c) (f) (e), 263, 267, 269 (), 270, 278, 279 (), 96, 97 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-incident jirrisali ghall-lejl ta` bejn il-21 u 22 ta` Jannar 2012, wara li l-imputat inlemah mill-Pulizija gewwa Paceville jgorr handbag femminli. Kif rawh, il-Pulizija ittantat li tarrestah izda l-imputat meta nduna bihom, prova jahbi dan il-handbag gewwa hobbu u telaq jigri. Gie misjub mistohbi u rresista l-arrest hemm gewwa Paceville kif ukoll, iktar tard, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta` San Giljan.

Illi nonostante li, sal-llum, hadd ma jaf min hi l-proprjetarja ta` dan il-handbag ghaliex l-awtoritajiet qatt ma rcevew rapport ta` serq ta` handbag dak in-nhar, dan zgur ma jfissirx li s-serq ta` dan il-handbag qatt ma sehh. Ifisser biss illi dan is-serq qatt ma gie rapportat. Inserta li ftit ta` hin qabel mal-intimat gie mwaqqaf u arrestat mill-Pulizija gewwa Paceville, kien inqala incident bejn l-intimat u martu fejn intervenew il-Pulizija. Membri tal-Korp tal-Pulizija li marru jikkonstataw din it-tilwima raw lill-imputat jitlaq mill-post fejn gara l-incident u, meta telaq, ma kellux handbag f'idejh. Dan il-handbag, pero`, kien f'idejh xi ftit sieghat wara meta huwa intlemah bih gewwa Paceville.

Illi dan il-handbag giet esibit mill-awtoritajiet investigattivi f'dawn il-proceduri u kien jikkontjeni artikoli femminili bhal make up u artikoli ohra. Dan jaghmilha ovvju li dan il-handbag ma huwiex proprjeta` tal-imputat jew, almenu, l-imputat naqas milli jgib ragunijiet abbastanza konvincenti sabiex jikkonvinci lil din il-Qorti lid an il-hand bag kien propjeta` tieghu. Illi ta` min wiehed ukoll jinnota li meta telaq mill-incident ma martu, l-imputat telaq wahdu u minghajr handbag f'idejh. Kieku, ghall-grazzja tal-argument, l-imputat mar Paceville ma martu seta` dejjem jghid li l-handbag kien ta` martu.

Ghal dawn il-motivi u minhabba l-imgieba tal-imputat matul l-incident u, ukoll, minhabba l-fatt lanpanti, il-handbag huwa wiehed indubbjament femminili din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwl akkuza migjuba kontra l-imputat, giet adekwatament ippruvata u, ghalhekk, din il-Qorti qiedgha issib lill-imputat hati kif akkuzat.

L-akkuzi 2 sa 7 migjuba kontra l-imputat jinsabu lkoll adekwatament ipprovati u dan din il-Qorti tikkonstatah wara li rat ix-xhieda tad-diversi membri tal-Korp tal-Pulizija li kieu involuti f'dan il-kaz u li xehdu f'dawn il-proceduri kif jirrizulta wkoll li l-imputat wettaq dawn ir-reati waqt perjodu operattiv ta` probation jew matul perjodu ta` liberta` kondizzjonata.

Illi l-akkuza ta` recidiva a tenur tal-artikolu 49, 50 u 288 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta gew sodisfacentement ippruvati u dan wara li l-Qorti rat l-erba` (4) sentenzi esibiti mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-16 ta` Marzu, 2012.

Illi din il-Qorti, ghalhekk, qed issib lill-imputat hat ital-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u qiedgha tikkundannah ghall-terminu ta` prigunerija ta` tmintax (18) –il xahar li minnhom ghandhom jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------